# 3. GĦAL GĦONQ IT-TRIQ 170.




A C#m D A
**Rit:** Miexja lkoll għal għonq it-triq
Bm E F#m D B E
imsaħħin minn kelmtek, o Feddej,
A C#m D A
ngħixu bik u nikbru fik,
Bm F#m D Dm A
ibqa' magħna, Mulej Ġesu'.

C Em
**1.** Kelmtek ħajja dawl għalina,
F C
għal riġlejna musbieħ jiddi,
Dm Am
meta miexja f' triq mudlama,
Dm E
ma nafux lejn fejn sejrin. **Rit:**

C Em
**2.** Kelmtek ħajja faraġ tagħna,
F C
iddewwielna qalbna mnikkta,
Dm Am
tnissel fina raġġ ta' tama
Dm E
biex flimkien inkomplu t-triq. **Rit:**

C Em
**3.** Kelmtek ħajja nar għalina,
F C
issaffina minn ħtijietna,
Dm Am
tħeġġeġ fina 'l qalbna bierda
Dm E
biex nagħrfuk, biex inħobbuk. **Rit:**